MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2008

Talba Numru. 222/2008

Ra l-Avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici tablet hlas ta' elf erba' mija u erbghin ewro u sittax il-ewro centezmi (€1440.16) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lis-socjeta' attrici skond Client Contract Number 1015030 in rigward ghal servizi lilu rezi mis-socjeta' attrici u dana fix-xhur bejn Awissu, 2006 u Awissu, 2007.
Bl-ispejjez, inkluz ta` l-ittra ufficjali tal-11 ta' Jannar, 2008 dawk tal-mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment ma` dana l-Att, dawk ta` l-ittra uficcjali lil banek relattiva ghall-imsemmija mandat u bl-imghax sad-datat tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u l-anqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra illi gie prezentat Kapitolu fid-19 ta' Mejju, 2008 mill-PL Peter Sammut u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Ra li l-konvenut naqas li jikkontesta l-kawza.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici, bl-ispejjez u l-interessi skond il-ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------